MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 1102/2005

**Av. Peter Caruana Galizia bħala mandatarju tal-assenti Roger Vella Bonavita u tal-assenti Martin Vella Bonavita; Maria Felice; Carmelina Vella Gera; Josephine Azzopardi u Joseph Felice bħala mandatarju tal-assenti Suor Franca Pantalleresco fis-seklu Eugenia**

***versus***

**Av. Renzo Porsella Flores u P.L. Veronica Rossignaud maħtura b'dikriet tat-2 ta' Diċembru 2005 kuraturi deputati biex jidhru għall-assenti Tessie Longstaff, flimkien ma' Rocco Dimech, Joseph Dimech u Victoria Dimech għal kull interess li jista' jkollhom; u, wara li Tessie Longstaff ġiet lura Malta, b'dikriet tat-30 t'Ottubru 2008 il-kawża tkompliet f'isimha minflok il-kuraturi**

F'din il-kawża l-atturi qegħdin ifittxu l-iżgumbrament tal-konvenuti minn proprjetà immobbli.

L-atturi fissru illi huma komproprjetarji tal-fond ħamsa u tletin (35), qabel tlittax (13), Triq in-Naxxar, Birkirkara, li kien mikri lil Joseph u lil Antonia aħwa Scicluna bħala l-post fejn joqogħdu, b'kera ta' tnax-il lira (Lm12) fis-sena taħt l-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini [Kap. 69].

Antonia Scicluna mietet ħafna snin ilu u, meta miet Joseph Scicluna fid-19 ta' Novembru 1999, għażeb u bla ulied, ma kien hemm ħadd li seta' kellu jedd ikompli jġedded il-kiri taħt il-Kap. 59.

Il-konvenuti Dimech għal xi żmien kienu jivvantaw xi jeddijiet fuq il-fond, u l-konvenuta Longstaff għandha pussess tal-fond fis-sens illi, għalkemm ma toqgħodx Malta, kultant tiġi fih għal xi btala, mingħajr ma għanda xi titolu.

Il-konvenuti Dimech kienu msejħa b'ittra tas-26 ta' Settembru 2005 sabiex iroddu ċ-ċwievet li għandhom tal-fond, iżda, fil-waqt li ċaħdu li għandhom pussess, ma ridux igħidu min kien qiegħed jinqeda bil-fond u min kien ħa ċ-ċwievet mingħandhom.

L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti, wara li tgħid illi ħadd mill-konvenuti ma għandu jedd iżomm il-fond, tordna l-iżgumbrament tagħhom u ta' ħwejjiġhom fi żmien qasir u perentorju. Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż.

Il-konvenuti Rocco Dimech, Joseph Dimech u Victoria Dimech ressqu dawn l-eċċezzjonijiet[1]:

1. il-fond kien mikri lil Joseph u Antonia aħwa Scicluna, u ma hemm ebda relazzjoni ġuridika bejn l-atturi u l-konvenuti eċċipjenti, li għalhekk għandhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju;
2. huma[2] kienu joqogħdu fil-fond b'kera ta' tnax-il lira (Lm12) fis-sena;
3. Antonia Scicluna mietet qabel ħuha Joseph, u għalhekk il-kera tal-fond waqgħet fuq Joseph; Joseph Scicluna miet fid-19 ta' Novembru 1999 u wirtuh in-

[1] Fil-biċċa l-kbira dawn "l-eċċezzjonijiet" (ħlief għal dawk bin-numri 1, 5 u 6) huma stqarrijiet ta' fatt aktar milli eċċezzjonijiet, u għalhekk kellhom isiru fl-istqarrija maħlufa aktar milli fin-nota ta' eċċezzjonijiet

[2] X'aktarx qegħdin igħidu għall-aħwa Scicluna.

neputijiet tiegħu skond testment tal-15 ta' Settembru 1999 fl-atti tan-Nutar Marthese Felice;

4. fl-istess testment Joseph Scicluna ħalla lill-konvenuta Tessie Longstaff b'legat il-jedd "li tabita" fil-fond li dwaru saret il-kawża għal tul ħajjitha;

5. wara li miet Jospeh Scicluna ċ-ċwievet tal-fond kienu f'idejn Tessie Longstaff, u għalhekk l-azzjoni magħmula kontra l-eċċipjenti kellha ssir kontra Tessie Longstaff għax l-eċċipjenti ma għandhomx, u qatt ma kellhom, x'jaqsmu mal-fond billi, minnufih wara l-mewt ta' Joseph Scicluna, Tessie Longstaff biddlet is-serratura tal-fond; u

6. għalhekk l-eċċipjenti ma għandhomx ibatu spejjeż u għandhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju.

Għall-konvenuta Tessie Longstaff, li ma kinitx toqgħod Malta, dehru kuraturi li ressqu l-eċċezzjoni illi dawk fost l-atturi li qegħdin jidhru għal ħaddieħor għandhom jagħmlu prova tal-mandat tagħhom. Din il-prova saret b'kopja tal-prokuri relativi[3] u għalhekk ma huwiex meħtieġ li nqisu aktar din l-eċċezzjoni.

Waqt li kienet miexja l-kawża l-konvenuta Longstaff ġiet lura Malta. Ġiet notifikata mill-ġdid bl-atti iżda ma ressqitx eċċezzjonijiet.

Ma huwiex kontestat illi l-fond li dwaru saret il-kawża huwa tal-atturi u kien mikri lill-awturi tal-konvenuti. Ma nġiebet ebda prova illi l-konvenuti, jew xi ħadd minnhom, huma fost dawk il-persuni li taħt id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini għandhom jedd li jġeddu l-kiri ta' fond urban wara l-mewt tal-kerrej. Għalhekk ħadd mill-konvenuti llum ma għandu titolu ta' kiri.

Għalkemm il-konvenuti Dimech llum ma għandhom ebda pretensjoni fuq il-fond, f'xi żmien kienu jivvantaw jeddijiet fuqu[4]. Barra minn hekk, il-konvenut Joseph Dimech huwa werriet ta' Joseph Scicluna u wiret għalhekk l-obbligu li jrodd il-fond fi tmiem il-kiri. Għalhekk il-kawża saret sew kontriehom ukoll u l-eċċezzjoni li trid li jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju ma għandhiex tintlaqa'.

---

3 *Foll.* 31 *et seqq.*

4 Ara l-*affidavit* ta' Joseph Felice, *foll.* 10 *et seq.* u l-ittratal-Avukat Chris Grima tat-8 ta' Mejju 2000, *fol.* 12.

Il-konvenuta Longstaff kienet ingħatat b’legat minn Joseph Scicluna, l-aħħar kerrej, “id-dritt li tabita fid-dar ta’ residenza [tal-kerrej] … … … għal tul ħajjitha kollha”, skond l-aħħar testment ta’ Joseph Scicluna[5]. Dan il-legat, iżda, ma jiswiex biex joħloq jedd ta’ abitazzjoni favur il-beneficjarja: jedd ta’ abitazzjoni huwa *ius in re* u ma jistax jinħoloq minn min, bħal kerrej, għandu biss *ius in personam*, għax *nemo dat quod non habet*. Lanqas ma huwa l-każ li l-legat huwa maħsub bħala wieħed *di cosa altrui*.

Billi għalhekk ħadd mill-konvenuti ma għandu titolu fuq il-fond li jagħtih jedd li jżommu, it-talbiet tal-atturi għandhom jintlaqgħu, u l-qorti taqta’ l-kawża billi tikundanna lill-konvenuti jiżgumbraw mill-fond ħamsa u tletin (35), qabel tlittax (13), Triq in-Naxxar, Birkirkara u jrodduh lill-atturi fi żmien xahar minn meta din is-sentenza ssir finali.

Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] *Fol*. 22.